Talbiet Kunfliggenti

Nullita` tal-Azzjoni

Art 789(1)(c) u (d) tal-Kap 12

*ELECTA UNA VIA NON DATUR RECURSUS AD ALTERAM*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 34**
**Rikors Guramentat Numru : 720/2017/LSO**

**Brian Micallef (K.I. 479086(M))**

**vs**

**Isabella Chetcuti (K.I. 454469(M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Brian Micallef (K.I. nru. 479086(M)) datat 8 ta' Awwissu 2017 fejn espona: -

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Il-partijiet huma t-tnejn ahwa, ulied il-mejtin Giuseppi u Carmela *sive* Carmen konjugi Micallef;

2. Omm il-partijiet, Carmela *sive* Carmen Micallef, mietet nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012);

3. Tul hajjitha, partikolarment tul il-perijodu fejn hija kienet marida, ir-rikorrenti esklussivament ha hsieb ommu, ghenha, wettaq servigi u ghamel spejjez maghha. L-intimata qatt ma tat is-sehem taghha, u tfaccat biss fl-ahhar ftit jiem ta' hajjet Carmela Micallef, matul liema sahansitra jirrizulta illi Carmela *sive* Carmen Micallef ghamlet testment. F'dan li spicca kien l-ahhar testment taghha (in atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela **nhar l-ewwel (1) ta' Gunju elfejn u tnax (2012),** cioe` biss wiehed u ghoxrin jum qabel mewtha), gie ddikjarat illi l-istess Carmela *sive* Carmen Micallef kienet qeghda *"tinnomina u tistitwixxi bhala unika eredi universali assoluta taghha lil bintha Isabelle Chetcuti identity card number 454469(M)".* Kompliet illi hija kienet qieghda *"tiddikjara illi l-istess bintha biss tiehu hsieba".* Ir-rikorrenti lanqas biss jissemma fl-istess testment (Dok. CM1).

4. Kif inghad diga`, kuntrarjament ghal dak iddikjarat fit-testment hawn riferit, kien ir-rikorrenti (u certament mhux l-

intimata) illi ha hsieb ommu tul hajjitha. Se jirrizulta evidenti allura illi matul it-testment, u fl-ahhar jiem ta' hajjet Carmela *sive* Carmen Micallef, sehhew fatti li gieghlu lit-testattrici taghmel dikjarazzjoni illi ma tirriflettix il-fatti veri. Meta Carmela *sive* Carmen Micallef ghamlet tali dikjarazzjoni u istitwiet lil bintha intimata bhala eredi unika u universali, hija kienet qieghda taghmel hekk minhabba pressjoni ezercitata fuqha minn l-istess intimata, kif ukoll b'rizultat ta' raggiri, weghdiet fiergha u qerq ezercitati minn l-intimata fuq mara moribonda, fl-ahhar jiem ta' hajjitha, u anke ghaliex hija ma kellhiex il-kapacita` mentali sufficjenti biex tesprimi l-gharfien u l-volonta` taghha kif mehtieg. Ifisser b'hekk illi r-rikors guramentat nru. 422/2017/LSO, prezentat minn l-intimata kontra r-rikorrenti ma huwa xejn ghajr tkomplija tal-istrategija malizzjuza tal-intimata illi takkwista gid mhux meritat bi pregudizzju ghar-rikorrenti.

5. Ghalhekk, l-ahhar testement li ghamlet Carmela *sive* Carmen Micallef, u cioe` dak tal-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), huwa null u minghajr effett.

6. Ir-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Ghaldaqstant, kellha ssir din il-kawza.

<u>Talbiet:</u>

Tghid ghalhekk l-intimata 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara null u minghajr effett it-testment ta' Carmela Micallef tal-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija jew uhud minnhom;

2. Tordna illi b'konsegwenza ta' dan, id-devoluzzjoni tal-wirt ghandha tghaddi skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi;

3. Tiddikjara illi l-intimata ghandha titqies mhux denja li tircievi b'wirt l-assi appartjenenti lill-patrimonju ta' Carmela Micallef, u dan skont l-artikolu 605 (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi fil-patrimonju ta' Carmela *sive* Carmen Micallef kwalunkwe oggett minnha mehud, kemm matul hajjitha, kif ukoll wara mewtha;

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti; bl-imghax legali fejn applikabbli, u bl-ispejjez kontra l-intimata li tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2017 fid-9:00am.

Rat ir-risposta guramentata ta' Isabelle Chetcuti (K.I. 454469M) datata 12 ta’ Settembru 2017 (fol 12) fejn bil-gurament taghha kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti u ghal dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, jigi eccepit illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrent hija rrita u nulla *stante* illi l-premessi u t-talbiet kontenuti fiha huma konfliggenti u kontraditorji u jhaltu flimkien kumulu ta' azzjonijiet totalment distinti u separati bi ksur tal-principju *electam una via non datur recursus ad alteram,* fis-sens illi r-rikorrent qieghed jezercita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghar-rexissjoni u/jew ghan-nullita` ta' testment u kif ukoll qed jezercita l-azzjoni abbazi tal-Artikolu 605(1)(c) u/jew 605(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin u ghalhekk jirrizulta konfuzjoni t'azzjonijiet li tannulla l-azzjoni interposta mir-rikorrent;

2. Illi preliminarjament, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniji precedenti, dawk sussegwenti u ghal dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, jigi eccepit illi r-rikors guramentat hu monk *stante* li r-rikorrent naqas milli jindika bi precizjoni fuq liema kawzali qieghed isejjes it-talbiet tieghu b'dan li jaghmel referenza kumulattiva ghal kawzali differenti li jeskludu lil xulxin. Illi hu principju tal-Ligi li l-intimat ghandu d-dritt li jkun jaf specifikatament il-pretensjoni dedotta kontra tieghu. Ghaldaqstant, l-istanza attrici tiddifetta mid-debita kjarezza u ghandha tigi dikjarata invalida u nulla b'dan li sa minn issa l-eccipjenti qed

tirrizerva d-dritt li taghmel eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrent jippreciza n-natura u l-kawzali tal-azzjoni tieghu;

3. Illi preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti u ghal dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, l-eccipjenti tghid li hija kienet sorpriza bil-ftuh ta' dawn il-proceduri *stante* li hija qatt ma inghatat xi hjiel jew impressjoni li r-rikorrent kien qieghed jikkontesta l-validita` tat-testment maghmul mid-defunta ommhom u li hu biss wara hames snin mill-mewt ta' omm il-partijiet li r-rikorrent ghazel, ghal l-iskopijiet tieghu, li jittenta jimpunja l-istess;

4. Illi f'dan ir-rigward huwa indikattiv ferm li r-rikorrent intavola l-azzjoni odjerna biss wara li l-esponenti istitwiet proceduri ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-wirt ta' omm il-partijiet u dan permezz tal-kawza *Isabelle Chetcuti* vs *Brian Micallef* (Rik. Gur. 422/2017) prezentement appuntata ghas-smigh ghal nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

5. Illi fil-fatt l-esponenti qatt ma rceviet xi forma ta' interpellazzjoni la nformali u lanqas gudizzjarja li permezz taghha r-rikorrent ivventila jew ikkawtela l-pretensjonijiet kif dedotti minnu permezz tal-prezenti proceduri. Ghaldaqstant l-eccipjenti qieghda sa minn issa tiddikjara li hi m'ghandhiex tigi kundannata thallas kwalsiasi spejjez relattivi ghal dawn il-proceduri, liema proceduri gew skatentati fil-ghama u bl-ghaggla biss bhala risposta ghall-proceduri ghad-divizjoni ntavolati mill-esponenti;

6. Illi, preliminarjament bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, hu obbligu tar-rikorrent li jressaq provi tajbin, sufficjenti u rilevanti in sostenn ta' l-allegazzjonijiet minnu mressqa. In forza ta' dan ikun xieraq u mistenni li r-rikorrent jidentifika b'mod dettaljat x'inhuma n-nuqqasijiet li qed jimputa direttament fil-konfront tal-esponenti u dan minflok ma jinhela f'furja ta' pretensjonijiet u allegazzjonijiet frivoli u vessatorji;

7. Illi maghmulin dawn l-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti sejra taghddi sabiex taghmel l-eccezzjonijiet taghha fuq il-mertu u dan billi tiddikjara li l-istanza attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, l-esponenti tilqa' ghall-azzjoni attrici billi tghid li din il-kawza ma hi xejn hlief azzjoni fiergha, vessatorja u temerarja, istitwita kontra taghha biss bit-tama li r-rikorrent jipprova jikseb xi forma ta' rimedju jew vantagg tenut kont tal-kawza ghad-divizjoni suriferita ntavolata mill-esponenti;

9. Illi dan qieghed jinghad *stante* li d-defunta Carmela *sive* Carmen Micallef, ossia omm il-partijiet, ma kienet affetwata mill-ebda impediment legali jew nuqqas ta' kapacita` mentali fil-mument li gie redatt it-testment taghha ta' nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) in atti tan-Nutar Dr Anthony Abela;

10. Illi bl-istess mod jinghad li huwa ghal kollox inveritier li t-testment *de quo agitur* kien biss il-frott ta' pressjoni, raggiri, weghdiet fiergha u/jew qerq, ezercitati fuq id-defunta mill-eccipjenti esponenti, b'dan li tali allegazzjoni qieghda tigi kategorikament respinta bhala fiergha u vessatorja:

11. Illi, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fil-mument meta gie redatt it-testment mertu tal-proceduri Carmela *sive* Carmen Micallef kienet tinsab fil-pussess shih tal-fakoltajiet mentali kollha taghha u kienet kapaci skont il-Ligi biex tiddisponi mill-gid kollu taghha ghaz-zmien ta' wara mewtha b'dan li ghalhekk hija setghet tersaq ghall-publikazzjoni u formazzjoni tat-testment mertu ta' dawn il-proceduri;

12. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li t-testment in kwistjoni huwa validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;

13. Illi l-esponenti tichad bil-qawwa kollha dak premess mir-rikorrent fis-sens li kien hu li ha hsieb lid-defunta omm il-partijiet, li ghenha, wettaq servigi u ghamel spejjez maghha, b'dan li kienet proprju l-esponenti u mhux ir-rikorrent li ghamlet dan. Fil-fatt, hekk kif indubbjament ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent ma kellu ebda relazzjoni ma' ommu, tant li hi kienet tibza' minnu u lanqas biss riedet turih fejn kienet qieghda tirrisjedi;

14. Illi ghalhekk kien biss b'rikonoxximent ta' dak kollu li ghamlet maghha l-esponenti li d-defunta biddlet it-testment taghha u stitwixxiet lilha bhala l-eredi universali taghha;

15. Illi fil-fatt jigi eccepit li ma huwa assolutament minnu xejn li l-esponenti wettqet xi atti inkluz dawk imsemmija fl-Artikolu 605(1)(c) u 605(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jrenduha indenja u nkapaci li tircievi bis-sahha tat-testment tad-*decuius* u ghalhekk ma jinkorrux l-elementi rikjesti mil-Ligi fl-Artikolu 605 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigu milqugha t-talbiet attrici;

16. Illi ghaldaqstant ghandu jirrizulta li l-pretensjonijiet tar-rikorrent, kif ventilati fil-prezenti proceduri u t-talbiet konsegwenzjali, huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi sommarjament michuda bl-ispejjez

17. Illi l-eccipjenti tikkonferma li hija taf dawn il-fatti personalment;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-Ligi;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti skont il-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta’ Novembru 2017 (fol 18) fejn il-Qorti rat kopja tal-verbal tad-19 ta’ Ottubru 2017 fl-ismijiet Chetcuti Isabelle vs Brian Micallef. Il-Qorti baghtet l-atti quddiem il-Qorti diversament presjeduta sabiex jimxu

flimkien mal-kawza 422/2017/LSO, u ghalhekk il-kawza thalliet ghat-23 ta' Novembru 2017 fid-9:00am.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presejduta fejn – billi din il-kawza miexja mal-kawza Cit. Nru. 422/2017/LSO giet differita ghat-23 ta' Jannar 2018 fl-10:45am; u rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija sentenza *in parte* dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata.

Permezz ta' din il-kawza r-rikorrent qed jitlob in-nullita' tat-testment ta' Carmena Micallef datat 1 ta' Gunju 2012, konsegwentement id-devoluzzjoni tal-wirt ghandha tghaddi skont id-disposizzjonijiet tal-ligi. Illi gie mitlub ukoll, li l-intimata ghandha titqies mhux denja li tircievi l-wirt ta' Carmela Micallef *ai termini t*al-**artikolu 605 (1) (c) u/jew (d) tal-Kap 16.**

L-intimata rribattiet preliminarjament, in-nullita` tal-azzjoni odjerna peress li l-premessi u t-talbiet huma kunfliggenti u kontradittorji.

**Il-fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Illi Carmela Micallef mietet fit-22 ta' Gunju 2012. Jirrizulta li permezz ta' testment datat 1 ta' Gunju 2012, **(Dok CM1)** halliet lill-intimata bhala eredi universali, u gie dikjarat li bintha l-intimata Isabelle Chetcuti tiehu hsiebha.

Illi r-rikorrent sostna li kien hu li ha hsieb ommu b'mod esklussiv, wettaq servigi u ghamel spejjez maghha. Hu qed jikkontendi li minhabba pressjoni, raggiri u qerq fl-ahhar jiem ta' hajjitha, ommu, t-testattrici ma kellhiex il-kapacita mentali sufficjenti, b'hekk ipproceda bil-kaz odjern biex jimpunja t-testment u sabiex ohtu l-intimata ma tkunx denja li tiret.

**L-Ewwel Eccezzjoni**

*" Li l-azzjoni hija irrita u nulla stante li l-premessi u t-talbiet kontenuti fiha huma kunfliggjenti u kontradittorji u jhalltu flimkien kumulu ta' azzjonijiet totalment distinti u separati bi ksur tal-principju 'electam una via non datur recursus ad alteram', fis-sens li r-rikorrent qieghed jezercita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghar-rexissjoni u/jew ghan-nullita` ta' testament u kif ukoll qed jezercita l-azzjoni abbazi tal-artikolu 605(1)(c) u/jew 605(1)(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin u ghalhekk jirrizulta konfuzjoni ta' azzjonijiet li tannulla l-azzjoni imposta tar-rikorrent."*

Ikkunsidrat li r-rikorrent qed jitlob li t-testment ta' Carmela Micallef jigi dikjarat null, *stante* allegata pressjoni ezercitata fuqha fl-ahhar ta' hajjitha, u anke ghaliex ma kellhiex il-kapacita` mentali rikjesta minn testatrici, kif spjegat fil-premessi. Kwindi qed jintalab li l-wirt ma jiddevolvix skont dan l-imsemmi testament izda skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi. Inoltre`, qed jintalab li l-intimata ghandha titqies li mhux denja tircievi l-wirt u dan *ai termini* tal-artikolu 605 (1) (c) u/ jew (d) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili.

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995** kienu intizi, *inter alia*, proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Tali eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-**artikolu 789 tal-Kap 12** .

Fil-fatt **l-artikolu 789(1) tal-Kap 12** jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null:

"(*1) L-eccezzjoni ta' nullita` ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;"*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi."*

*"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino;"** (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30).

*"(2) L-eccezzjoni ta' nullita` ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`."*

Illi l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom.

Illi kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Bernardette Gatt et vs Alessandro sive Sandro Cassano** ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fit-29 ta' Mejju 2015:

*"Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:*

*• Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.*
*• Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.*
*• Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.*
*• Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.*
*• L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.*
*• Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni."*

Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi "**Fenech vs Grech"** (Prim' Awla, deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fl-24 ta' Settembru 2001), "**Licari vs Cassar**" (deciza mill-Imhallef R. C. Pace fit-12 ta' Dicembru 2001) u "**Aquilina vs Aquilina"** ( A.C. deciza fil-21 ta' Marzu 1988).

Illi l-intimata hija siekta dwar liema subinciz qed tinvoka u din il-Qorti ghalhekk tislet mill-eccezzjoni li n-nullita' eccepita ghandha tinkwadra ruhha skont **is-subincizi (c) u/jew (d),** fejn, allura, japplika l-*proviso* ghall-artikolu 789(1).

Illi fil-kaz sucitat **Fenech vs Grech, il-Qorti fissret id-distinzjoni bejn is-subincizi 789(1)(c) u (d) :**

*"... Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta*[1]*; Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba (**art. 156 (1) (a) tal-Kap 12**). Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha."*

Illi, inoltre, bil-*proviso* citat il-legislatur jaghmel referenza ghall-**artikolu 175 tal-Kap 12**.

Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni tal-ligi (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **"Moore noe vs Falzon et"** P.A. 15 ta'

[1] Ara per ezempju, P.A. C.S.: 4.11.1988 fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri."**

Dicembru 1995) kien deciz li – '*ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)"*. Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et** (PA – 3 ta' Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira ta' l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk:

"*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvneut ikun jista' Jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzetata."*

Dwar l-ezistenza ta' kontradizzjoni bejn it-talbiet u l-premessi gie ribadit fil-kaz **"Capua Palace Ltd. vs Arcidiacono Boris"** deciza fil-31 ta' Jannar 2003 li:-

*"Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*

*"Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut".*

(*Vide* wkoll f'dan is-sens, **K.B. Real Estate Ltd. vs Silvio Felice** (P.A deciz fit-13 ta' Marzu 2003) u **Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et** (P.A deciz fl-24 ta' Settembru 2001).

Ikkonsidrat li l-kwistjoni sollevata mill-intimata tirrigwarda talbiet kunfliggjenti u rrikonciljabbli fir-rikors promotur.

Ghalkemm, kif jirrizulta minn dak fuq ravvisat. Il-gurisprudenza recenti imxiet b'cirkospezzjoni, sabiex issalva kemm jista' jkun l-atti gudizzjarji, izda gie wkoll irribadiet li jekk it-talbiet huma kontradittorji u irrikonciljabbli, dan jista' jwassal ghal pregudizzju serju lill-kontro-parti, kif ukoll konfuzjoni fejn mhuwiex kompitu tal-Qorti li tislet it-talbiet inkompatibbli u irrikonciljabbli.

Hekk kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "**Malta Development Corporation vs Licari Paul"** (Prim' Awla - deciza fit-22 ta' April 2004):

*"Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni tigi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet b'mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art. 156 imma huwa wkoll mehtieg ad substantia et validatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikata fil-ligi."*

Illi fit-tema ta' talbiet diversi gie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 1998 fl-ismijiet **"Frendo Randon noe vs Salomone"**:

*"… meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta' l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi 'ab initio' la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' oħra. Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan mhux hekk għaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra. Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma' oħra ... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi l-proċedura tal-attur kienet waħda irrita u nulla."*

Illi huwa evidenti li l-attur, wara li jaghmel talba ghall-annullament tat-testment tad-decujus, imbaghad invoka l-

**artikolu 605 (1) (c) u (d)** li jirregolaw il-kapacita ta' persuna li jircievi b'testment u c-cirkostanzi li fihom tali persuna jitqies li mhux denn, u kwindi mhux kapaci, biex jircievi b'testment.

F'dan il-kuntest, tajjeb li ssir distinzjoni.

Illi kif spjegat, l-azzjoni ppernjata fuq l-artikolu 605(1) titkellem dwar il-kapacita` li wiehed jiret. Din l-azzjoni hija differenti minn azzjoni dwar il-kapacita` *o meno* tat-testatur. Izda, f'kaz ta' testment fejn il-werriet ikun indenn, skont id-dispozizzjoni tal-ligi sucitata, u cioe` l-artikolu 605, it-testment ma jitqiesx null imma jibqa' jghodd rigward persuni ohra li ma jkollhomx l-istess inkapacita` li jircievu. (Ara **John Agius vs Carmelo Agius**, P.A. (JRM) 500/1998/1 deciza fit-8 ta' Lulju 2004).

Illi l-kaz **Mary Grech et vs Maria Borg,** (1238/2012) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 kien jikkoncerna talbiet kwazi identici ghall-kaz odjern, fejn gie mitlub li testament jigi dikjarat null, izda s<u>ussidjarjament</u> gie mitlub ukoll li f'kaz li din it-talba ma tintlaqax jigi dikjarat li l-intimata kienet inkapaci tircievi bis-sahha ta' testment minhabba l-atti mwettqa fil-konfront tad-decujus u dan *ai termini* tal-artikolu 605(1) (c) tal-Kodici Civili.

F'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"L-ewwel talba, ghalkemm ibbazata fuq zewg premessi, tista' ssegwi bhala talba peress li fiha l-atturi qed jitolbu l-istess haga, in-nullita` tat-testment, a bazi ta' gradi differenti tal-infermita mentali tad-decujus. Huma qed*

*jallegaw illi t-testatur jew kien affett minn infermita' mentali totali jew kien tant ta' volonta` debboli li kien "strument" f'idejn il-konvenuta. Persuna li hi biss "strument" f'idejn persuna ohra jonqos fiha l-volonta` necessarja biex taghti l-kunsens taghha ghal att impunjat. Bit-tielet talba pero` l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tinsa dan kollu u tghid li t-testatur kien mentalment kapaci, mohhu f'loku, izda gie ingannat. Hawn japplika l-principju 'electa una via non datur recursus ad alteram'. Iz-zewg kawzali huma insanabbli ghax ma jistax ikun li t-testatur kien sanis mentis u mentalment inkapaci fl-istess hin."*

*"Avvolja l-kawzali huma alternattivi, il-provi sejrin ikunu konfliggenti ghax l-atturi jridu juru l-inkapacita` u l-kapacita` mentali tat-testatur u huwa obbligu tal-atturi li jippruvaw dawn iz-zewg ipotesijiet. Daqs kemm kawza ghall-annullament ta' zwieg ma tistax tkun ibbazata fuq allegat difett ta' diskrezzjoni u allegat simulazzjoni ta' kunsens (ara* ***Briggs vs Gatt,*** *deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2011), hekk ukoll ma jistax jigi allegat mill-istess atturi li t-testment huwa u ma huwiex validu."*

Illi minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kawza odjerna, billi dan jesorbita mill-parametri tal-ewwel eccezjoni, din il-Qorti taqbel mal-linja ta' hsieb addottata fil-gurisprudenza citata u ser tapplikah ghall-kaz odjern. Anke hawn l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli billi hawn mhux kaz fejn l-attur qed jitlob n-nullita` tat-testment ghal diversi ragunijiet izda fejn qed jigi allegat li t-testment hu null u validu fl-istess hin. L-attur kellu jifformula il-kawza b'mod li minnu jidher car

dak li tassew irid u z-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu ezercitati flimkien.

Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, ir-rikors kif formulat u t-talbiet kif dedotti, jehtiegu zewg azzjonijiet li ma jistghux jigu ezercitati flimkien u b'mod kunfliggenti f'kaz wiehed.

Kwindi ser tilqa' l-ewwel eccezzjoni in kwantu tikkunsidra li l-azzjoni odjerna irrita u nulla.

## III. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi ghal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla, konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2018**